**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 540/1998 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**-Vs-**

**EMANUEL FELICE**

**Illum, 12 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **EMANUEL FELICE** ta' 24 sena, bin Anthony u Carmelina nee' Mcleon, imwieled il-Pieta' u residenti Wignacourt Flats, Flat 6, Triq F.C. Burlemach, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita; bin-numru 3055774(M), li ġie akkużat talli f'Malta, fl-aħħar sena:-

1. Bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred l'hawn u l'hemm jew għarraq b'xi meżż li jkun, ħwejjġu, ai termini tal-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali;

2. B'meżżi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kawlifiki

foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar min elf lira Maltin (Lm1,000) għad-dannu tas-Socjeta' Assikuratrici Guardian Royal Exchange Assurance plc, u persuni oħra ai termini tal-Artikoli 308,309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

3. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefficju għalih innifsu jew ghal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħrif falz, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;

4. Iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri Kriminali sabiez jiżguraw li dak ir-reat kien sar, u cioe' li kien sar sgass mill-vettura tiegħu u li kienu nsterqu in-number plates, il-logbook u oġġetti oħra mill-istess vettura tal-għamla Mazda Estate, numru ta' reġistrazzjoni HAN-174, ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat illi l-kompilazzjoni ġiet differita sine die b'ordni mogħti mill-Qorti meta kienet diversament preseduta waqt l-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2002;

Rat id-digriet mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imħallef li bis-saħħa tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mit-18 ta' Lulju 2018;

Rat ir-rikors tal-Prosekuzzjoni fit-13 ta' Marzu 2025 fejn talbet li l-kompilazzjoni fil-konfront tal-imputat titkompla;

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Marzu 2025 li permezz tiegħu riappuntat il-kompilazzjoni għas-smigħ għal nhar is-27 ta' Marzu 2025;

Semgħet lill-abbli avukat difensur, fis-seduta tat-30 ta' April 2025, jissolleva formalment l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fl-istess seduta tat-30 ta' April 2025 u semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'għandhiex sottomissjonijiet x'tagħmel fir-rigward, tistrieħ fuq l-atti proċesswali;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza sejra tingħata limitatament biex tiddiponi mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni sollevat mid-difiża. L-argoment tad-difiża hu li fiż-żmien meta l-azzjoni kriminali ġiet istitwita u l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni bl-imputazzjonijiet, ma kienx għadu jeżisti s-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali, liema subartikolu ġie introdott u miżjud bil-promulgazzjoni tal-Att III tal-2002 li daħal fis-seħħ fid-9 ta' April 2002. Dan jipprovdi:-

*"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata, sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

L-abbli difensur argomenta illi l-imputat ġie notifikat bl-imputazzjonijiet darba waħda biss u peress illi dak iż-żmien, qabel iż-żieda fil-Kodiċi Kriminali tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu (2) tal-artikolu 687, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma kienx jitqies li jkun ġie sospiż bin-notifika tal-imputazzjonijiet, iżda sempliċement interrott, bil-konsegwenza illi minn dakinhar 'il quddiem, iż-żmien tal-preskrizzjoni reġa' beda jiddekorri.

Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienux jeżistu fiż-żmien meta l-imputat ġie notifikat bl-imputazzjonijiet, ċioe' meta ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti mixli bir-reati msemmija fiċ-ċitazzjoni, fit-28 ta' Awwissu 1998. Għalhekk, dak iż-żmien, il-materja tal-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni kienet regolata biss mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali. Dan kien u għadu jipprovdi:

*(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.*
*(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.*
*(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur.*
*(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.*

Minn dan jikkonsegwi illi meta l-imputat ġie notifikat bl-imputazzjonijiet fit-28 ta' Awwissu 1998, iż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali fir-rigward ta' kull waħda mir-reati li dwarhom ġie mixli, kien ġie miksur <u>iżda mhux sospiż</u>, bil-konsegwenza illi minn dakinhar 'il quddiem iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni reġa' beda miexi mill-ġdid, kif del resto ipprovdut fis-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu 693.

Li għandu jiġi stabbilit f'dan l-istadju huwa l-applikabbilita' o meno għall-proċediment odjern, tal-emendi introdotti mill-Att III tal-2002 senjatament l-emenda li introduċiet is-subartikolu (2) fl-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali.

Kif inhu ormai assodat fil-ġurisprudenza in materja, l-istitut tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali - għalkemm id-dispożizzjonijet tat-Titolu VI tat-Taqsima I tal-Kodiċi (‘Fuq il-Preskrizzjoni’) jinsabu fit-Tieni Ktieb imsejjaħ ‘Liġijiet ta’ Proċedura Kriminali’ - huwa ta’ natura sostantiva u mhux ta’ natura proċedurali, għaliex jikkonċerna mhux il-mod kif għandhom jitmexxew il-proċeduri iżda jikkonċerna aspett mir-reat li jikkostitwixxi l-oġġett tal-azzjoni. Bħala regola, il-liġi sostantiva ma tapplikax retrospettivament: minflok, għandha tiġi applikata l-liġi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat. Diversament il-liġi proċedurali li, tal-inqas f’materji kriminali, hija min-natura tagħha, retrospettiva, li jfisser li l-liġi li għandha tiġi applikata hija dik li tkun fis-seħħ fiż-żmien tal-proċeduri, anke jekk fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat il-proċeduri setgħu kienu regolati b’mod differenti u irrispettivament minn jekk il-liġi preċedenti kinitx iżjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.

Illi dan ġie affermat fis-sentenza tat-2 ta’ Mejju 1994, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tgħid ukoll hekk:-

*“12. B’danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta’ dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub.* ***Ghalhekk, fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat.*** *”* (enfasi ta’ din il-Qorti)

Fid-deċiżjoni fil-każ **Scoppola vs Italy**, il-Qorti Ewropea affermat dan il-prinċipju:

“*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential*

*element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[1]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirriafferma din il-pożizzjoni f'deċiżjonijiet suċċessivi, fosthom **Öcalan v. Turkey** deċiża fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn ġie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"

Miżmum ferm dan kollu, ma hemmx dubju li l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 safejn jolqtu l-materja tal-ksur taż-żmien għall-preskrizzjoni u jirrendu l-pożizzjoni legali ferm inqas faveroli għall-imputat, ma japplikawx retroattivament għall-proċediment odjern li jikkonċerna akkużi dwar reati li jirriaslu għal żmien qabel ma daħlet fis-seħħ dik il-leġislazzjoni.

Illi r-reati allegatament kommessi mill-imputat seħħew fi żmien meta ma kinitx ghadha daħlet fis-seħħ id-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kap. 9, u stabbilit li l-liġi l-ġdida ma għandhiex titqies li għandha applikazzjoni retrospettiva, jikkonsegwi illi l-materji taż-żmien tal-preskrizzjoni tal-istess reati u l-ksur tal-istess żmien, baqgħu jiġu regolati mid-disposizzjonijiet viġenti qabel in

[1] App. No. 12049/03, deċiż 17/09/2009 (Grand Chamber).

materja tal-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni, ċioe' d-disposizzjonijiet tal-artikolu 693 tal-Kap. 9. Evidentement, il-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien tar-reati u fiż-żmien tal-proċediment qabel id-dħul in vigore tal-Att III tal-2002, hija wkoll iżjed favorevoli għall-imputat, għaliex meta ġie notifikat bl-imputazzjonijiet fl-1998, iż-żmien tal-preskrizzjoni kien ġie miksur u mhux sospiż, u kellu għalhekk ikompli jiġi interrott bl-att tan-notifika tal-imputat bil-proċediment kull tant żmien.

Illi stabbilit dan kollu, imiss jiġi determinat iż-żmien tal-preskrizzjoni applikabbli għal kull reat li dwaru ġie mixli l-imputat f'dan il-proċediment - bl-applikazzjoni tar-regoli fl-artikolu 688 u l-artikolu 691 tal-Kodiċi Kriminali - u jekk dak iż-żmien laħaqx għalaq mingħajr l-imputat ma ġie notifikat b'xi att tal-proċediment.

L-imputat ġie mixli bir-reati ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 fl-ewwel imputazzjoni, ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 188(1) tal-Kap. 9 fit-tieni imputazzjoni u r-reat ta' ħolqien ta' traċċi ta' reat taħt l-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 fit-tielet imputazzjoni. Fiż-żmien tal-allegat kommissjoni tar-reati, il-piena applikabbli fuq sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 308 kienet priġunerija minn erba' xhur sa sena[2]; għar-reat taħt l-artikolu 188(2), priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa; u għar-reat taħt l-artikolu 110(2) tal-Kap. 9, priġunerija għal żmien mhux aktar minn sena.

Għalkemm l-iktar reat gravi fost dwak li dwarhom l-imputat ġie mixli, kien dak iż-żmien ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9, punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn sentejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali għar-reati kollha addebitati lill-imputat - billi huma lkoll delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena - taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin. Jidher ukoll li r-reati huma kollha reati kkunsmati, li jfisser illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni tad-delitt.

---

[2] Din hija l-piena li kienet applikabbli fl-1997 u 1998 li hija wkoll l-iktar piena favorevoli wara d-dħul fis-seħħ tal-Att II tal-2002 li introduċa pieni iktar severi għar-reat inter alia, ta' truffa.

Kif diġa' ġie stabbilit, iż-żmien tal-preskrizzjoni ġie interrott b'effett tal-artikolu 693(1) tal-Kap. 9 meta l-imputat ġie notifikat fl-1998 bl-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Minn dakinhar 'il quddiem, iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni reġa' beda miexi mill-ġdid, kif del resto ipprovdut fis-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu 693. Għalkemm huwa minnu illi b'effett tal-artikolu 693(1) tal-Kap. 9, iż-żmien tal-preskrizzjoni kien qed jinkiser b'kull att tal-proċediment li ġie innotifikat lill-imputat matul is-smigħ tal-kompilazzjoni, iżda meta l-kompilazzjoni ġiet differita *sine die* fit-2 ta' Diċembru 2002, ma jirriżultax li l-imputat reġa' ġie notifikat b'xi att tal-proċediment odjern sakemm ġie notifikat bit-taħrika biex jidher quddiem il-Qorti wara r-riappuntament tal-kompilazzjoni f'Marzu 2025.

Jikkonsegwi għalhekk illi ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' ħames snin applikabbli għar-reati kollha addebitati lill-imputat, mhux biss reġa' beda jiddekorri mill-ġdid fit-2 ta' Diċembru 2002, iżda wkoll għalaq irrimedjabbilment tant illi llum, <u>tlieta u għoxrin sena wara</u>, l-azzjoni kriminali in kwantu għar-reati kollha addebitati, hija manifestament preskritta.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha premessi, tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevat mid-difiża u tiddikjara li l-azzjoni kriminali in kwantu għar-reati kollha imputati fiċ-ċitazzjoni, hija preskritta bl-applikazzjoni tal-artikoli 688(d), 691(1) u 693(1)(3) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement, tillibera lill-imputat EMANUEL FELICE minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**